KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**
sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Tel: 21585888

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 53, Part I
miżmuma nhar it-Tlieta 24 ta' April 2018, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

---

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Anne Fenech | Sindku | (17.30) |
| Daniel Grima | Viċi Sindku | (17.35) |
| Graziella Galea | Kunsillier | (17.30) |
| Alfred Grima | Kunsillier | (17.30) |
| Paul Bugeja | Kunsillier | (17.30) |
| Stephen Cremona | Kunsillier | (17.30) |
| Robert Piscopo | Kunsillier | (17.50) |
| Antoinette Bezzina | Kunsillier | (17.30) |
| Dounia Borg | Kunsillier | (17.30) |
| Rodney Galea | Kunsillier | (17.30) |
| Edward Bugeja | Kunsillier | (17:30) |

Membri Skużati:

| | |
|---|---|
| Mandy Buhagiar | Kunsillier |
| Joseph Vella | Kunsillier |

Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv – Elke Sghendo

AGENDA

53.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

53.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

53.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

53.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

53.5 Rapporti;

53.5.1 PA's
53.5.2 Rapport tal Bord tal-Infrastitura
53.5.3 Proposta tal-Blue Waters
53.5.4 Rapport ta thallesejn
53.5.5 Measure 4.3 – WSC update
53.5.6 TCTC

53.6 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;

53.6.1 Approvazzjoni għat-Tenders / Quotations
53.6.1.1 Collection of household waste T 02
53.6.1.2 Sweeping Tender T 04
53.6.1.3 Soft area Tender T 05
53.6.1.4 Cold Asphalt T 06 ready for publication
53.6.1.5 Soft area Tender T 05
53.6.1.6 Bulky Refuse T 07
53.6.1.7 Contracts Manager T 08
53.6.1.8 Footpaths T 09
53.6.1.9 Servizz Legali
53.6.1.10 Transport tal-Anzjani (Quotation)
53.6.1.11 Ticketing System

53.6.1.12 Deċizjoni dwar il-Bord tal-Evalwazzjonijiet
53.6.1.13 Approvazzjoniji għal-ingagg ta' ħaddiema (replacement)

## 53.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

53.7.1 Skeda tal-pagamenti

## 53.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Is-Sindku Anne Marie Fenech fetħet il-laqgħa billi rringrazzjat lill-membri tal-attendenza.

## 53.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Il-Kunsillier Mandy Buhagiar bagħtet imejl li ma setatx tattendi għax imsiefra fuq impenji ta'xogħol. Il-Kunsillier Joseph Vella bagħat imejl li ma setgħax jattendi għax ukoll kellu mpenji ta' xogħol.

Alfred Grima talab spjegazzjoni jekk il-laqgħa bdietx qabel jew le, għax kif daħal kienu qed isiru xi diskussjonijiet iżda Sindku wieġbet li kienu għadhom ma' bdewx.

Is-Sindku resqet mozzjoni sabiex il-kunsill jgħaddi għad-diskusjoni dwar il-kuntratt tal-Blue Waters peress li kien hemm l-Avukat tal-kunsill. Kien hemm qbil unanimu.

Wara li s-Sindku ntroduċiet lill-Aukat Larry Formosa saqsiet il-membri jekk isibux oġġezzjoni li l-avukat jgħati spjegazjoni dwar il-kuntratt tal-Blue waters. Hadt mill-membri ma' oġġezzjona.

## 53.4.3 Proposta tal-Blue Waters

L-Avukat spjega li l-kunsilliera kellmuh fuq kuntratt li fil-passat il-Blue Waters għamel mal-Kunsill Lokali. Il-Kumpanija tal-Blue Waters kienet applikat biex ittella sular aktar mill-policy. Il-Mepa aċċettat b'kundizzjoni li tingħata bħala planning gain, jingħata sular parkeġġ bħala ċens jitħallas lil kunsill għall għoxrin jew ħamsa w għoxrin sena.

Madankollu issa l-policy mbiddlet u din il-kumpanija qiegħda within height limits, għalekk il-Blue Waters avviċinat lill kunsill għax qed ihoss li għanda burden minħabba li l policy mbiddlet u kien hemm anke emajl ta Johann Buttiegieg CEO tal-MEPA u baqa ma taħax id-donazzjoni lil Kunsill Lokali.

Il-Kunsill avviċina lill-avukat biex isir reċċizjoni tal-kuntratt. L-Avukat qal li għamel revizjoni fuq il-kuntratti u li l individwu tal-Blue Waters jixtieq jagħmel donazzjoni ta 30,000 ewro. Il-kunsillier Alfred Grima spjega li Tlettin Elf plus id-djun li kien hemm fuq ċnus maintenance u insurances li ma tħallsux li jammontaw madwar għal Ħames t'elf iktar.

L- Avukat spjega li n-Nutar tal-Blue Waters ma ssemmihomlux, Alfred Grima spjega li li tal-kuntratur tal-Blue Waters kien qabel mija fil mija u jridu inkluzi u mnizzla. Il-Kunsillier Paul Bugeja żied ukoll li l-kunsill m'għandux ikollu spejjes ta'xejn inkulda ukoll spejjes ta' nutar. Regat ġiet affermata li kunsill m'għandu jkollu spejjes ta' xejn. Kompla jispjega li fuq il minuti li għaddew kien hemm deċizzjoni ta minimu ta Tletin Elf. L-Avukat se jinforma lin-Nutar b dawn iż-żiediet. L-Avukat qall li fuq il-Blue Waters u se jsir reċċiżjoni tal-kuntratt u se tiżdied l-ittra ta CEO fil Kuntratt.

### 53.5.3 Proposta tal-Blue Waters

Konkluzzjoni : Ħa jsir kuntratt fejn ha jiġi reċiz iċ-ċens. Il-kumpanija tal-Blue Water offra donazjoni ta 30,000 Euro kif ukoll ghandhom jitħallsu kwalunkwe arretrati ta' cens, spejjez ta' manutenzjoni, spejjez in konnessjoni mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt kif ukoll kwalunkwe poloz ta' assikurazzjoni li jista' jkun hemm dovuti u kwalunkwe

spejjez li jista' jkun hemm pendenti. Bazikament il-Kunsill irid li ma jibqa' ebda pendenzi magħhom. Mal–Kuntratt għanda tiġi annessa l email ta CEO tal MEPA.

## Blues Ltd.

L-Avukat fehem li l-kuntratt tal-Blue Waters immur kontra il-Byelaws li jistipula kif għanda ssir ir-reklemar fil-lokalita, is-sejħa ta’ espressjoni u ħlassijiet. Il-Kunsilliera Graziella Galea talbet tara kull korrespondeza. L-Avukat issigurixxa li jintgħalab iħallas li pendenzzi li għandu. L-avukat tenna li fil-passat kienet saret ittra registrata mil-qorti. Paul Bugeja issugexxa li għanda tissejaħ laqgħa bejn il-kunsilliera flimkien ma tal-avukat u titela għal approvazzjoni tal-kunsill.

## Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

Minuti: 47     Emendi

47. 4 Graziella Galea : Minflok għall-laqgħa tal-Kunsilliera trid tinqara għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera,

Paul Bugeja qajjem Point of Order li meta laqgħa tkun urgenti msejħa qabel 48 hours qabel, meta ssejħet laqgħa u kien msiefer jew commitments oħra. Elke Sghendo spjegat li l ħinijiet bil-fors iridu jitnizzlu.

Il-Kunsillier Paul Bugeja rrimarka li għal Laqgħat Urgenti Kunsilliera li ma jattendhiex għandhom jkunu skuzat. Elke Sghendo spjeġat li f paragrafu 47.1 hemm spjegazzjoni fejn Is-Sur Bugeja kien Skuzat.

47.5 Il-Kunsilliera Graziella Galea resqet proposta: fejn l-aħħar paragrafu qiegħed doppju u jrid jitneħħa wieħed, u jridu jitniżżlu l-lista ta’ toroq, Il-Kunsillier Alfred

spjega li minħabba li hu kien qam, kien waqa l-quorum, allura ma jitniżżel xejn aktar. Il-Kunsilliera Graziella Galea talbet vot dwar din il-proposta: is-Sekondata mil-Kunsilliera Antionette Bezzina.

5 Favur u 6 kontra – li jitniżlu il-lista tat-toroq:

Favur :Anne Fenech, Graziella Galea, Daniel Grima, Antoniette Bezzina u Duonia Borg
Kontra: Alfred Grima, Paul Bugeja, Stephen Cremona, Robert piscopo, Rodney Galea u Edward Bugeja

Proposta m'għadietx

---------------------------------------------------------------------------------------------------------

Il-laqgħa 48 – kienet ġiet ikanċellata, allura fiha ma kienx hemm Minuti

---------------------------------------------------------------------------------------------------------

Il-laqgħa 49 – Il-Kunsillier Alfred Grima talab li tinqabez għax fiha ħafna emendi, it-talba ta Sur Grima ma ġietx milqugħa,

Sur Alfred Grima bagħat e-mail lil kulħadd fuq Il-minuti jirriflettu dak kollu li ntqal, izda ma kienux mnizzla skond is-segwenza ta kif ntqalu pero, għalhekk baghat e-mail lil kulhadd, kif kellhom isiru.

Graziella Galea wieġbet li s-segwenza tagħha kienu korretti.

Il-Kunsillier Robert Piscopo kjarifika li fil-19:12 jekk il-laqgħa tkompli jista jkun ta' disprezz lejn il-Qorti.

Is-Sur Alfred Grima ppropona:

49.1: Jibqa kif inhu

6 Favur u 5 Kontra

Favur: Alfred Grima, Paul Bugeja, Stephen Cremona, Robert Piscopo, Rodney Galea u Edward Bugeja.

Kontra: Anne Fenech, Graziella Galea, Daniel Grima, Antoniette Bezzina u Duonia Borg

Alfred Grima talab dan li gej: (pagna 2)

49.2 Paul Bugeja ressaq Point of Order rigward għaliex f'xahrejn ma sarux laqgħat tal-Kunsill Lokali, mmexxijin mill-aktar Kunsilliera anzjana Antoinette Bezzina. Il-Kunsillier Paul Bugeja staqsa min kien responsabbli li ma tressqitx il-laqgħa.

Il-Kunsillier Antoinette Bezzina talbet biex tiġi sospiża l-laqgħa. (18:40)

18.53 – Il-Kunsillier Antoinette Bezzina rritornat mal-mejda, flimkien mal-Kunsilliera Graziella Galea.
18.54 – Il-Kunsillier Anne Fenech irritornat mal-mejda u kompliet il-Laqgħa.

Ir-risposta tal-kunsillier Antionette Bezzina dwar il-Point of Order imqajjem minn Paul Bugeja hi li hi mxiet fuq id-direttiva tal-Ministru u l-aġenda maħruġa mill-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv (ADSE) u jekk hemm xi reponsabiltajiet legali jew implikazzjonijiet legali dawn jintrefgħu minn min ħareg id-direttiva 1/2018.

Il-proposta ta Sur Grima ġiet issekondata mis- Sur Paul Bugeja.

6 Favur u 5 Kontra

Favur: Alfred Grima, Paul Bugeja, Stephen Cremona, Robert Piscopo, Rodney Galea u Edward Bugeja.

Kontra: Anne Fenech, Graziella Galea, , Antoniette Bezzina, Duonia Borg, Daniel Grima

Il-Kunsillier Paul Bugeja staqsa għaliex f'dawk ix-xaharejn baqgħet ma ssejht'x il-laqgħa minn xi ħadd ieħor.

Alfred Gima kompla li tiġi:
Il-Kunsillier Antionette Bezzina wieġbet li kienet qeda' tistenna li taslilha r-risposta' minghand l-Onor. Silvio Parnis dwar jekk il-kunsill seta'x isejjah laqgħat ordinarji. Il-Kunsillier Bezzina kompliet tgħid li l-ebda' parir ma wasal għandha.

Dak il-hin qamet oggezzjoni mill-kunsillier Alfred Grima flimkien mal-kunsillier Paul Bugeja u ntqal li l-kunsill huwa awtonomu u din ir-risposta' ma hijiex accettata'.

Il-Kunsillier Antoinette Bezzina tablet sospenzjoni oħra (19.04) u x'hin daħlet tagħt Ruling li r-risposta tagħha hi finali u għalhekk ma kien'x hemm lok ta' aktar diskussjoni.

Il-Kunsilliera Alfred Grima, Mandy Buhagiar u Stephen Cremona ma qablux mar-Ruling u talbu lill- Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv tara x'tghid il-ligi.

Il-Kunsillier Antoinette Bezzina staqsiet lill-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv biex issib mil-Liġi x'tgħid dwar ir-ruling. Iċ-Chairperson Antoinette Bezzina staqsiet biex il-laqgħa terġa tiġi sospiża sakemm l-ADSE ssib ir-risposta.

19.12 Il-laqgħa kompliet u ġiet ikkwotata il-liġi minn taħt Ordnijiet Permanenti iżda ma ġietx aċċettata.

Il-Kunsilliera Paul Bugeja u Alfred Grima talbu Point of Order minħabba li l-punt li kienet qed taqra ma kienx qed jagħmel sens għas-sitwazzjoni li qiegħed fih il-Kunsill.

Il-Kunsillier Antoinette Bezzina regghet qamet minn fuq il-mejda (19.20) u kien hemm sospenzjoni ohra. Kif dahlet lura wara tlett minuti qalet li kienet dahlet l-isptar u għamlet operazzjoni .

Il-Kunsillier Robert Piscopo staqsa jekk il-Kunsillier Antoinette Bezzina tistax tikkonferma jekk il-mandat li sar mill-Partit Nazzjonalista biex ma ssirx il-Laqgħa tal-Ħatra għadux In Vigore jew le. Jekk għadu, jaf ifisser diprezz lejn il-qorti.

Il-Kunsillier Antionette Bezzina talbet sospenzjoni mil-laqgħa għal ftit minuti.

Fuq point of order tal-Kunsillier Piscopo dwar il- mandat, il-Kunsillier Antionette Bezzina qalet li mxiet fuq id-direttiva tal-ministru 1/2018 u għallura l-argument hu rrelevanti.

Il-Kunsillier Graziella Galea qajmet point of order dwar il-legalita tal-laqgħa.

Il-Kunsillier Graziella Galea talbet li terġa tidaħal dan li ġej u kien hemm qbil: Il-Kunsillier Antionette Bezzina reget wieġbet li kienet qeda' tistenna li taslilha r-risposta' minghand l-Onor. Silvio Parnis dwar jekk il-kunsill seta'x isejjah laqgħat ordinarji. Il-Kunsillier Bezzina kompliet tgħid li l-ebda' parir ma wasal għandha.

L-ADSE talbet lill-Kunsillier Antionette Bezzina sabiex tissospendi l-laqgħa u tkun tista tiċċekja dwar il-legalita tal-laqgħa.

Il-Kunsillier Alfred Grima talab li jaqra dikjarazzjoni minħabba s-sitwazzjoni kif inhi, pero' il-Kunsillier Antoinette Bezzina m'aċċettathiex u kompliet għaddejja bil-laqgħa qabel il-Kunsillier Alfred Grima seta' jibda jaqra d-dikjarazjoni tiegħu.

Fuq insistenza il-Kunsillier Alfred Grima għamel dikjarazzjoni li "l-fatt li l-mandat li ġie ppreżentat mill-partit Nazzjonalista u għadu in-vigore jaf ifisser disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti jekk il-ħatra ta' Sindku u Viċi Sindku tigi esegwita'. Għalhekk, billi aħna l-kunsilliera nirrispettaw l-Awtorita' tal-Qorti, sejrin inqumu b'responsabbilta' minn fuq il-mejda tal-Kunsill sakemm tigi ċċarata s-sitwazzjoni".

20.11 – Il-Kunsilliera Alfred Grima, Rodney Galea, Mandy Buhagiar, Joseph Vella, Paul Bugeja, Stephen Cremona u Robert Piscopo qamu u ħarġu mil-laqgħa.

Minħabba li kien fadal biss il-Kunsilliera Daniel Grima, Dounia Borg, Anne Fenech, Graziella Galea u Antoinette Bezzina, waqa' l-kworum u waqfet il-laqgħa.

Alfred Grima propona u Paul Bugeja ssekonda li minuti isegwu is-sekwenza li propona.

6 Favur u 5 Kontra
It-tieħed Vot skont is-segwenza proponut tas-Sur Grima

Favur: Alfred Grima, Paul Bugeja, Stephen Cremona, Robert piscopo, Rodney Galea u Edward Bugeja.

Kontra: Anne Fenech, Graziella Galea, Daniel Grima, Antoniette Bezzina u Duonia Borg

-----------------------------------------------------------------------------------------------------

Laqgħa 50-

Approvata

----------------------------------------------------------------------------------------------------

## 53.3 Komunikazzjoni mis-Sindku:

### 53.3.1 Dikjarazzjoni mill-Agent Deputat Segretarju Ezekuttiv, Dokument Anness

Alfred Grima wera soledarjetta f'isem x'sħabu u rringrazzja lil ADES għal hidma tagħha. Jiddispeċċih li wasal punt meta jkollok deptat parlamentari li sfaċċatament hu minn hu juza l-għola istutazzjon tal-pajjiz biex jattaka ħadiem minflok għen kif setgha. Il-Kunsilliera Graziella Galea naqdet ukoll tirrinġrazzja lil ADES. Il-kunsillier Paul Bugeja saqsa jekk din id-deċizzjoni hiex definativa.

Paul Bugeja talab lil Elke Sghendo jekk tikkonsidraxx li tibqa għal ftit gimgħat oħra. Elke Sghendo wieġbet li lesta li tibqa mqarr sakemm tiġi is-Segretarja Ezekuttiva l-ġdida. Irringrazzja lil ADES ili solvit xi problemi milli kien hemm.

### 53.3.2 Sercurity Service:

Is-Sidku resqet għal attenzjoni tal-kunsill li kuntratt kien skada, ħarget kwotazzjoni u li peress li għola servizz jiġu darba fil-gimgħa. Il-kunsillier Alfred Grima qal il-fatt li kien hemm Safe gol-kunsill is-servizz jista jsir darba fil-gimgħa sakemm Paul Bugeja qal sabiex nimxu sakemm tipermetti liġi.

Paul Bugeja talab sospenzjoni tal-laqgħa għal 2 minuti.

### 53.3.3 Public Convenience:

Is-Sindku talbet li tintaqa mal-kuntranttur għax riedet tkun taf x'kienu il-problemi peres li kien beda il-proċess biex jitwaqqaf it-tender. Kienu preżenti flimkien magħha l-Viċi Sindku Daniel Grima u l-Kunsilliera Paul Bugeja u Alfred Grima.

Is-Sur Bugeja rrimarka li kunsill kien ġa ħa deċizzjoni u il-kunsillier Graziella Galea irrimarkat li deċizzjoni kienet ibażżata fuq l-informażżjoni li ġie mgħodija.

Alfred Grima qal li l-kuntrattur talab lil-kunsill biex jagħmel upgrade iżda għal ragunijiet tal-kunsill ma sarux. Min naħa tal-kunsill għadu mhux ċert l-ammount ta' faults jekk jammontawx għal 70%.

V.S. Daniel Grima semma il-problemi u l-ksur li għandhom dawn it-toilets iżda il-kunsill qatt ma għennu. Il-Kunsullier Bugeja rrimarka li l-kuntratt hu responsabli mil-l-maintenance.

ADES qalet li wieħed qalet li f'dawk it-tlett xhur il-kunsill kien mingħajr Sindku il-kunsilll ma setax jixtri. ADES qalet li l-kunsill kull ma kien se jeħħel il-kuntrattur hi 2% mil-performance bonus li nkitbet mil-Avv. Formosa.

ADES ikkonfermat li l-kuntratt kien għandu ma ġiex nnotifikat b'itra ta' terminazzjoni. Alfred Grima talab li għandhom jaħsbuha ftit.

Ġie diskuss li ż-żewg latrini huma magħluqin b'ordini tas-segretarju u Sindku preċedenti. Kien hemm emails regward dan fejn dawn kienu għaddhom li ghaddew għad is-Sur Grima.

Ġie deciz li fejn hemm Public Toilets ser jitpoggew Mobile Toilets. F'dan il-punt ġie deċiss li għandha tinzamm għal ftit żmien sa l- laqgha li jmiss.

Ġie deċiz wkoll li sa sajf il-latrini iridu jiġu kollha rranġati up to standard.

Proposta minn mis-Sur Paul Bugeja li dawn għandom jsiru Anti Teft u jsiru sura tan-nies. Alfred Grima sostna li għandhom jinħargu it-tenders neċċesarji.

Avv. Robert Piscopo qal li ġa ladarba il-kunsill ideċċieda li jittermina trid issir Resoluzzjoni Seċjali u jibdew ix-xogħolijiet fuq il-magħluqin. Ntagħalbu mobile toilets u din issir fejn it-toilets maluqgħin.

Finalment din kienet għadda mhix deċizza.

## 53.3.4 Korsijiet :

### 53.3.4.1 Għaqal fid-Dar

Il-Ministeru tal-Familja u Sigurat Socjali b'kollaborazzjoni mal-Gvern Lokali nibdew il-Kors Għaqal fid-dar.

Dawn se jiġu organizzati gewwa iċ-ċentru l-Leap. Ġie deċis li għandhom jiġu sponsorjati 40euro li għandhom jitħallsu mill Hospitality Funds għal-għaxar sessjonijiet.

### 53.3.4.2 Lifelong learning

Il-Kunsill qabel unanimament li jsiru l-korsijiet 2018/2019 l-iskola bħalma kelna s-sena l-oħra. u l-kunsill qabel li jħallas l-overtime tal-caretaker biex jiftaħ u jagħlaq l-iskola.

## 53.3.5 Kuntratt tal-Garaxx ta J Quintinus

Garaxx: Il-Kuntratt tal-Garaxx ta' J. Quintinus, għandu jintbgħat lill kull Kunsilliera. Alferd Grima talab li jitgħella għal laqgħa li jmiss.

### 53.3.6 Ikla Staff:

Nġiebu Kwotazzjonijiet għal- ikla ta l-Istaff. Intagħżel il-Casino għall 25 Ewro ir-ras. L-Ikla se ssir fi 30 t' April 2018. Kien hemm qbil

### 53.3.7 Lift:

Sar Qbil Unanimu li l-Agreement li sar tal-lift ta' ġewwa l-Kunsill Lokali għandu jibqa l-istess.

## 53.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera :

53.4.1 Alfred Grima staqsa fuq l-ingagg ta' Seġretarja Eżekuttiva, u is-Sindku wiegbet li kien hemm xi firem neqsien u li ser jintbgħatu l-ittri lid-dipartiment tal-Gvern Lokali.

53.4.2 Mozzjoni finanzjara J Quintinus:

Il Kunsillier Paul Bugeja qal li l-variations kienu tal-Water Services. F' Awwissu kien hemm stima u wara din l istima sar site meeting għal ħabta ta' Diċembru bejn Elke Sghendo u Graziella Galea, għal re-estimate u kien hemm differenza ta 7,777 Ewro. L-ADSE kompliet tgħid li barra dan hemm l-ispiza tal water services li hija €9600, tlett elef minnhom (3000 Ewro) se jkunu rembursjati, izda trenching u il-backfilling irid jsir mill-Kunsill Lokali.
Graziella Galea ziedet li ser jingħataw fondi mir-Reġjun Tramuntana.
Alfred Grima għamel dikjarazzjoni li hu kien waqqaf ix-xogħolojiet minħabba li fil-laqgħa numru 43 li saret f' Novembru kien hemm qbil biex issir Triq J Quintinus. Dak inhar l-Kunsill approva li jekk il-fondi ma jkunux bizejjed biex isiru dawn ix xogholijiet, joħroġ il-kumplament il-Kunsill.

Il-kunsillier Grima sostna li Graziella Galea bħala Sindku kienet taf li f'Lulju il-Kunsill kien rċieva l-informazjoni ta'fondi li l-Kunsill kien ser jieħu mir regjun ta' Tramuntana ta' 17,524 ewro, il-kwotazzjoni tal-Perit ta' 42,726 waslet tlett xhur wara il-Kunsillier staqsa kif qatt ma gietx prezentata din l-informazjoni.

Alfred Grima kwota l-liġi li meta jitressaq suġġet għal vot l-Kunsilliera għandhom jiġu ppreżentati bl-aqwa informazjoni possibli.

Elke Sghendo se terga tiċċekkja ma Regjun ta Tramuntana fuq il fondi ta' triq J.Quintinus.

Il-Kunsillier Graziella Galea qalet li l-Perit li kien hemm qabel, kien imqabbad immur biss ikejjel u jiċċekkja wara li jitlesta x-xogħol.

Il-Kunsillier Paul Bugeja staqsa dwar ix-xogħolijiet li saru ġewwa Triq Korp tal-Pijunieri. Is-Sindku ikonfermat li qed issir komunikazzjoni mal-kuntrattur u il-problema hi iktar kumplessa, li gejja mil-bazi tat-triq.

NGOs'

Il-Kunsillier Paul Bugeja kien staqsa kemm ħadu flus l-NGO's u informa li s-Sindku preżentatlu l-informazjoni meħtieġa, L-ADSE informat li dawn inbatulu ukoll f-imejl

Il-Kunsillier Paul Bugeja irid kjarifika fuq zewġt items mil-iskeda tal-pagamenti l-attivitajiet rigward it- Treasure hunt u Table & chairs tal-Majjalata li tittela minn żewg ghaqdiet tal-lokal. Is-Sindku talbet lil Paul Bugeja biex jagħmel talba bil-miktub lis-Segretarja Eżekuttiva.

## 53.5 Rapport

53.4.1 PA 1438/18- Il-kunsill rċieva ittra min għand Perit Svetlana Sammut fejn talbet biex issir oġġezzjoni mil-Kunsill Lokali. IL-Kunsill talab lil Perit Sammut tibgħat il-lista tan-nies b'ID cards u l'firem. Il-Viċi Sindku Daniel Grima rrimarka li l-objection period għadda u ma jista jsir xejn aktar.

53.4.2 PA's PC 003/2018

Il Kunsillier Stephen Cremona semma' il-PC 003/2018. Elke Sghendo qalet li l-Kunsill huwa registered objector u jista jgħaddi l-kummenti jekk hemm bżonn.

## 53.5.2 Rapport tal Bord tal-Infrastitura

Il-Viċi Sindku Daniel Grima preżenta r-rapport tal-infrastruttura fejn saret laqgħa fil 11 t'April 2018 li fiha kien hemm il-bord kollu preżenti mgħamul mil-Viċi Sindku u mil-Kunsilliera Alfred Grima u Paul Bugeja.

**Tower Cranes –** Il-Kunsillier Graziella Galea issuġġeriet li flimkien mas-Sindku ikun hemm is-Segretarju Eżekuttiv għandom jieħdu responsabilta rigward tpoġġija ta' Tower Cranes. Kien hemm qbil li s-Sindku u l-Viċi Sindku biss (mhux ADSE) jistghu jieħdu din ir-responsabilta.

**Toroq** – Il-Viċi Sindku kompla jaqra ir-rapport tal-Bord tal-infrastruttura rigward toroq li għandhom bżonn attenzjoni urġenti:
Triq Għawdex,
Triq it-Turisti (kollha)
Triq San Pawl (mil-Public Convenience tax-Xemxija sa Triq Toni Bajada)
Il-Kunsill talab BOQ urġenti għal dawn it-toroq imsemmija.

Il-Kunsillier Paul Bugeja ssuġġerixxa li patching Intensiv sa 50 metru kwadru ma għandux għalfejn jitla Kunsill u dawn jistghu jgħaddu deċiżjonijiet mil-Bord sabiex ix-xogħol majdumux biex isir. Se jsir checking mal -bord tal-governanza jekk dan it tip ta' patching jistgħax jgħaddi biss mill-bord minnflok jittela quddiem Kunsill.

L-ispejjes jridu jinkludu wkoll x-xogħolijiet kollha meħtiega, anke minn fejn jgħaddu servizzi tal Water Services, u kull servizz li hemm bzonn.L-Entitajiet kollha jridu jkunu nformati. Il-Kunsillier Galea issuggeriet li l-claims jintbgħatu milewwel hekk kif nirċievu l-BOQ sabiex il-Kunsill ikun jista japplika għal rimbors ta' l-ispejjes imsemmija.

Il-Viċi Sindku Daniel Grima qara li l-bord huwa prejokupat minħabba li l-istimi tax-xogħolijiet żdiedu, u li dawn id-deskrepanzi irid jgħamel tajjeb għalihom il-Kunsill Lokali. Il-Kunsillier Graziella Galea qalet li kien hemm *letter of acceptance* mal-Water Services Corporation.
Is-Soluzzjoni proponuta fuq it-toroq li diġa saru hija li il-Kunsill ;

a) Jiperswadixxi lil Awtorita ta l-Ippjanar tħallas id-diskrepanzi hi jew
b) L-Kunsill jgħamel tajjeb għad-deskrepanzi

Il-Kunsillier Graziella Galea ndikat li hemm template fejn jiddaħlu l-variazjonijiet mil-Perit. Dawn il-varjazjonijiet huma d-diferenzi bejn il-BOQ u l-kont attwali spjegati fid-dettal u mibgħawta ukoll lil Planning Authority.

Il-Bord tal-Infrastritura se jikomunika mal-Bord tal-UIF sabiex dawn jiġu rimborsati sakemm ikun possibli.(01:12:00). Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jiltaqgħa flimkien mal-Perit u mar-raprezentanti tal-UIF rigward dawn il-varjazzjonijiet. Jekk f'kas il-UIF ma' taqbilx li tgħamel rimbors tal-varjazjonijiet hemm qbil li dawn jitħalsu mil-Kunsill. (01:12:34)

Il-Viċi Sindku kompla jaqra r-rapport rigward l-proġett Thalasselejn. Is-Sindku qalet li fil-bandli ta' ħdejn l-iskola, hemm periklu kbik, m'hemmx railings u m'hemmx

sigurta. Is-Sindku qalet li se tkellem il-kuntrattur tal-bandli sabiex jingħalqu mil-iktar fis. Il-Kunsilliera Paul Bugeja u Alfred Grima qalu li l-kunsill jibqa responsabbli.

Il-Kunsillier Edward Cremona irrimarka li f'laqgħat preċidenti intalbet id-data ta' meta ser jitlestew ix-xogħolijiet, u rrimarka li din id-data għadom mhiex magħrufa. Is-Sindku irrimarkat li lanqas hemm il-*measured works* sissa.
Il-Kunsillier Alfred Grima qal li jixtieq jara it-tender ta' dawn ix-xogħolijiet għax ix-xogħolijiet qed idumu ħafna biex isiru. Is-Sindku spjegat li għad irid jittieħdu l-qisien.

Il-Viċi Sindku Daniel Grima kompla jaqra ir-Rapport rigward sejħa għal offerti fuq bini u tiswija tal-bankini. Huwa propost li jekk il-liġijiet finanzjarji jipermettu jkun hemm żewġ kuntratturi u mhux wieħed sabiex il-Kunsill ma jiġiex dipendenti fuq kumpanija waħda.

Kompla jaqra li kien hemm talba minn għand is-sidien ta' Charlies Stationery sabiex titranġa l-bankina fi Triq il-Qalb ta' Ġesu. Il-Bord approva dawn ix-xogħolijiet b'dawn il-kundizzjonijiet;
-Il-bankina tinżamm f'livell issa li l-garaxx ħa jinbidel f'ħanut
-il-konkos isir aħmar bħal kumplament tal-bankina
-jittieħdu prekawzjonijiet kollha tas-saħħa u tas-sigurta meta jkun qed isir ix-xogħol

Kien hemm qbil unanimu

<u>Patching Intensiv</u>
Il-Kunsillier Paul Bugeja reġa rrimarka rigward l-intensive patching. Kien hemm qbil unanimament li l-Bord jista' japprova patching li jasal sa massimu ta 50 metru kwadru. Il-Kunsillier Alfred Grima rrimarka li ser jkun l-bord li jieħu ħsieb dawn id-deċizjonijiet u li l-Kunsill ser ikun avżat kif suppost.

### 53.5.3 Proposta tal-Blue Waters

Konkluzzjoni : Ħa jsir kuntratt fejn ha jiġi reċiz iċ-ċens. Il-kumpanija tal-Blue Water offra donazjoni ta 30,000 Euro kif ukoll ghandhom jitħallsu kwalunkwe arretrati ta' cens, spejjez ta' manutenzjoni, spejjez in konnessjoni mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt kif ukoll kwalunkwe poloz ta' assikurazzjoni li jista' jkun hemm dovuti u kwalunkwe spejjez li jista' jkun hemm pendenti. Bazikament il-Kunsill irid li ma jibqa' ebda pendenzi magħhom. Mal–Kuntratt għanda tiġi annessa l email ta CEO tal MEPA.

### 53.5.4 Rapport ta thallesejn

Ir-Rapport kien għadu ma wasalx mingħand il-Perit.

### 53.5.5 Measure 4.3 – WSC update

Ġiet ippreżentat stima ta’ xogholijiet rikjesti mid WSC fit-toroq

- **N/S Off Burmarrad Road** – WSC 560/18
- **Ras il-Wied** – WSC 491/18
- **Rural Track in San Martin (Ghajn Astas)** – WSC 561/18
- **Triq Busewdien** – WSC 149/17

### 53.5.6 TCTC

Se tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss (laqgħa Nr.53 part 2)

### 53.8 Tmiem tal-Laqgħa

Il-laqgħa ntemmet fi Disa ta’ Fil Ghaxija u ġiet aġġornata għat-Tnejn 30 ta’ April 2018

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | ________________________ |
| Anne – Marie Fenech | Mariella Strout |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |